4 ta' Diċembru, 1964

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**
**Onor T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Bertram Camilleri et

*versus*

Louis Muscat et

**APPELL — GARANZIJA — BENEFIĊĊJU TAL-GARANZIJA — BIL-ĠURAMENT — ART. 907 KAP. 15**

*F'dan il-każ il-Qorti ammettiet lill-appellanti għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament, għax huma kellhom prima facie kawża probabili biex jappellaw, u l-Qorti kienet sodisfatta li huma ma rnexxilhomx isibu garanti idoneju, u lanqas kellhom mezzi disponibili biex jagħmlu d-depositu.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi preżentata quddiem din il-Qorti, li biha wara li ppremettew illi huma nterponew appell mis-sentenza mogħtija fid-disgħa ta' Ġunju, 1964 mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina fil-kawża numru 133/1963 fl-istess ismijiet, u li mal-petizzjoni ta' l-appell ġiet offerta garanzija għall-ispejjeż fil-persuna ta' Paolo Gasan, liema garanzija ġiet rifjutata mill-appellati u mir-Reġistratur; u li huma bħala appellanti ma rnexxielhomx isibu pleġġ ġdid tajjeb biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' l-appell u lanqas huma fi grad li jkkawtelaw dawk l-ispejjeż b'depożitu ta' flus li r-Reġistratur iffissa fl-ammont ta' tlett elef u disgħa u erbgħin

(£3049) : peress illi huma għandhom interess u 'probabilis causa litigandi' biex jagħmlu l-imsemmi appell — talbu li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, li jiġu ammessi għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament skond dak li hemm maħsub fl-artikoli 909 u 907 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili — bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inġunti għas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Alfred Vella Gera noe. li qal illi l-atturi jridu jippruvaw illi ma jistgħux jikkawtelaw l-ispejjeż ta' l-appell f'kollox jew f'parti u li fi kwalunkwe każ l-atturi ma għandhomx dritt għall-benefiċċju tal-ġuratorja kawżżjoni billi ma għandhomx 'probabilis causa litigandi'.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tan-Nobbli Ugo Sant Fournier nomine li ta' l-istess eċċezzjonijiet.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-aħwa Muscat li qalu illi l-atturi għandhom jissoddisfaw qabel xejn ir-rekwiżiti ta' l-artikolu 907 kull wieħed minnhom. Barra minn hekk jeħtieġ li jirriżulta a soddisfazzjon tal-Qorti li huma m'humiex fi grad li jagħmlu d-depożitu in sostituzzjoni tal-garanzija.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Norman Hill noe li qal illi t-talba ta' l-atturi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom, billi, mill-provi riżultanti mill-proċess li għalihom hemm riferenza fiċ-ċitazzjoni jirriżulta li l-atturi ma għandhomx 'probabilis causa litigandi'.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Dottor Edgar Buhagiar li qal illi waqt li hu veru illi d-depożitu kien fissat għal tlett elef u disgħa u erbgħin lira (£3049) u illi l-garanzija

offerta għall-ispejjeż ta' l-appell fil-persuna ta' Paolo Gasan ġiet rifjutata, hu ma jafx jekk humiex korretti l-fatti l-oħra. dawk ċioe jekk l-atturi setgħux isibu pleġġ ġdid idoneju jew jekk altrimenti humiex f' grad li jikkawtelaw xort'oħra l-ispejjeż b'depożitu ta' flus, u għalhekk irriżerva li, wara li jinstemgħu l-provi ta' l-atturi, jipproduċi jekk ikun hemm bżonn, il-provi tiegħu u/jew jagħti l-eċċezzjonijiet tiegħu jew jirrimetti ruħu għad-deċiżżjoni tal-Qorti skond il-każ.

Rat l-atti tal-proċess, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Mix-xhieda taż-żewġ atturi l-Qorti tħossa soddisfatta illi huma ma jnexxielhomx isibu garanti idoneju u li ebda wieħed minnhom ma għandu l-mezzi disponibbli biex jagħmel id-depositu meħtieġ.

Il-Qorti wkoll jidhrilha illi l-meritu ta' l-appell jimmerita li jiġi sottomess għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti għall-eżami ieħor u, f'dan is-sens, jista jingħad illi l-atturi għandhom 'prima facie' kawża probabili biex jappellaw.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa t-talba ta' l-atturi. L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa.